MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 738/2013

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 967/2013 fl-ismijiet :**

**CMK Assets Ltd (C55563)**

***kontra***

**Beacon Light Ltd (C36682)**

***u***

**Jeffrey Mallia (532572M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta’ Beacom Light Ltd u ta` Jeffrey Mallia (“ir-rikorrenti”) [intimati fil-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi] prezentat fl-1 ta` Awissu 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbu r-revoka tal-istess Mandat.

Rat id-dokumenti li r-rikorrenti pprezentaw flimkien mar-rikors taghhom.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta` Awissu 2013.

Rat ir-risposta ta` CMK Assets Ltd (“l-intimata”) [rikorrenti fil-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi] prezentat fil-21 ta` Awissu 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti.

Rat id-dokumenti li l-intimata pprezentat flimkien mar-risposta taghha.

Semghet lill-Perit John Attard fl-udjenza tas-17 ta` Settembru 2013.

Semghet ix-xiehda tal-Perit John Attard u tar-rikorrent Jeffrey Mallia fl-udjenza tal-21 ta` Ottubru 2013.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Carmel Chircop fl-udjenza tal-5 ta` Novembru 2013 u rat id-dokumenti li x-xhud ipprezenta waqt li kien qed jixhed.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-Av. Carmel Chircop u rat id-dokument li kien prezentat waqt l-istess udjenza.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2013.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fej halliet il-procediment ghal provvediment *in camera.*

## II. **It-talba**

Meta l-intimat li kontrih ikun inhareg att kawtelatorju (ir-rikorrenti fil-kaz tal-lum) jipprocedi skond l-**Art.836(1) tal-Kap.12** sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* tal-att, huwa obbligat iressaq it-talba tieghu permezz ta' rikors u jsostni t-talba skond xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati minn paragrafi (a) sa (f) tal-istess Art.836(1).

**Fil-kaz in esami, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu <u>r-revoka shiha</u> tal-Mandat.**

**U qeghdin iressqu din it-talba abbazi tal-paragrafi (d) u (f) tal-Art 836(1) tal-Kap 12.**

Il-paragrafu (*d*) ighid :

*"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*

Il-paragrafu (f) ighid :

*"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Fil-provvediment taghha tas-26 ta` April 2002 fil-procediment "**<u>Av. Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services et</u>**.", din il-Qorti (**<u>PA/GC</u>**) qalet hekk :-

*"Skont l-artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

***L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u l-Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant".***

Partikolarment dwar il-paragrafu (d) din il-Qorti (**PA/JRM**) fil-provvediment tagħha tad-29 ta` Lulju 2005 fil-procediment "**Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea**" qalet hekk :-

*"L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-Qrati tal-Gustizzja pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.*

*Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat.*

*Inoltre kif gie ribadit minn din il-Qorti kif diversament presjeduta "Ma hemmx ghalfejn li jigi pruvat li l-kreditu hu effettivament dovut. Jista' jkun bizzejjed li min qed jitlob il-hrug tal-mandat jikkonferma bil-gurament li hu kreditur tal-intimati. Dawn il-proceduri mhux intizi biex iservu ta' revizjoni ghar-rigward tal-ordni tal-hrug tal-mandat. Dawn il-proceduri jsiru sabiex jigi stabbiliti jekk jezistux l-estremi li trid il-ligi, skont il-provvedimenti tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, sabiex il-mandat jigi revokat in parte jew in toto. Ghalhekk mhux necessarjament jigu prodotti dokumenti sabiex jikonfermaw il-kreditu. Inoltre l-pretensjoni li l-mandat in kwistjoni hu ta' pregudizzju lill-rikorrenti mhux raguni valida ghala l-mandat ghandu jigi revokat.*" (ara : "**Taormina Holdings Ltd v Biochemicals International Ltd**." (PA/ GCD - 30 ta' Ottubru 2003).

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Bhala punt ta` dritt, din il-Qorti tghid illi fl-accertament tal-pretensjoni tar-rikorrenti, l-ezami li hija trid taghmel huwa biss accertament *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz minnha stess kif presjeduta fil-kawza bejn il-partijiet li hija pendenti. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel f'dan l-istadju, tenut kont li hawn si tratta ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza.

Waqt is-smigh ta` provi - li propjament kellhom ikunu ntizi sabiex jirrispekkjaw d-dettami tal-paragrafi (d) u (f) tal-Art 836(1) – il-partijiet marru ben oltre dak li kien diga` trattat fid-dettall kemm fir-rikors promotorju kif ukoll fir-risposta u skonfinaw bil-bosta fil-qofol tal-kwistjoni ta` bejniethom. Ghalhekk **<u>kien difficli ferm</u>** ghal din il-Qorti illi mill-atti ta` dan il-procediment li qabzu il-290 pagna, tislet dawk il-fatti u dawk il-provi li huma rilevanti ghall-fini tal-kompitu taghha fi procediment tax-xorta tal-lum, bla ma taddentra ruhha fi kwistjonijiet ta` mertu li ghad trid tkun propju hi li tiddeciedi dwarhom fil-waqt opportun.

Huwa evidenti li fi procediment ta` din ix-xorta certament **<u>mhuwiex il-kompitu</u>** tal-Qorti li sabiex taccerta l-fondatezza tal-lanjanzi tar-rikorrenti, tidhol fil-mertu u kwazi kwazi tiddeciedi l-kawza fil-mertu bil-provvediment li taghti fil-procediment tal-lum.

Ben koxjenti mill-parametri tal-esercizzju li qeghda taghmel fil-procediment tal-lum, din il-Qorti tghid hekk :-

1) Dwar il-paragrafu (*d*) tirrileva illi l-prova li tinkombi lir-rikorrent hija li turi *li l-ammont mitlub* jew mhuwiex *prima facie ġustifikat* inkella huwa *prima facie eċċessiv*. Il-Qorti tibda mill-ahhar. Mill-kwantita` ta` provi li tressqu, il-Qorti ma

rriskontratx prova determinanti li turi mqar *prima facie* li l-*ammont mitlub* huwa eccessiv. Ghal din il-Qorti dan ifisser li l-lanjanza tar-rikorrenti - lanqas fuq il-livell ta` *prima facie* - mhijiex li l-ammont reklamat huwa *eccessiv*. Jidher ukoll manifest kemm mill-mod kif ir-rikorrenti ttentaw jindirizzaw il-provi kif ukoll kif il-lanjanzi taghhom ingabru waqt it-trattazzjoni finali illi n-nuqqas ta` gustifikazzjoni *prima facie* tolqot il-posizzjoni tar-rikorrent Jeffrey Mallia. Din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma tar-rikorrenti li fir-rikors guramentat li qieghed isostni l-Mandat ma hemmx rabta bejn il-kawzali u t-talbiet fejn jirrigwarda l-posizzjoni tar-rikorrent Jeffrey Mallia. Il-Qorti tara rabta *prima facie* fl-agir ta` Jeffrey Mallia de proprio b`mod illi ma tistax teskludi *prima facie* xi responsabilita` da parti tieghu de proprio ghal danni fil-konfront tal-intimata. U kwindi ma tistax tehles f`dan l-istadju lil Jeffrey Mallia de proprio mir-responsabilita` ghal danni – milli ghal hwejjeg ohra esposti waqt it-trattazzjoni finali mir-rikorrenti – versu l-intimata.

Il-Qorti terga` taghmel riferenza ghal "**<u>Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea</u>**" (op. cit.) :-

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

**Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti skond il-paragrafu (d) qeghda tkun respinta.**

2) Dwar il-paragrafu (f), il-Qorti tirrileva li dak li trid taghmel huwa li tizen jekk huwiex **ragonevoli** li l-Mandat jibqa` fis-sehh. It-test ta` dak li huwa ragonevoli

jitkejjel anke mill-fatt jekk l-esekutat ikollox inkella le mezzi ohra bizzejjed sabiex jikkawtela l-pretensjoni tal-esekutant. Fil-kaz tal-lum irrizulta bl-aktar mod car illi r-rikorrenti flimkien mhumiex f`qaghda sal-lum li jkopru b`mezzi ohra l-pretensjoni tal-intimata. Dwar dak li huwa gustifikabbli l-Qorti diga` ppronunzjat ruhha fl-ambitu tal-konsiderazzjoni tal-paragrafu (d). Dwar l-element tal-htiega, il-Qorti hija tal-fehma illi dan jissussisti ghaliex fl-assenza ta` kawteli ohra, jekk il-Mandat jitnehha, u l-intimata tirnexxi fl-azzjoni taghha, ma hemmx x`juri – almenu sal-lum - li r-rikorrenti jew min minnhom ghandhom bizzejjed x`jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni tal-intimata.

**Ghalhekk it-talba tar-rikorrenti skond il-paragrafu (f) qeghda tkun respinta wkoll.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda <u>tichad</u> it-talba taz-zewg rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghhom tal-1 ta` Awissu 2013. L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu riservati sabiex jigu regolati skond is-sentenza fil-mertu bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------